



Kunsill  
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 12 ta' Lulju 2022  
(OR. en)

10872/22

LIMITE

CORLX 596  
CFSP/PESC 874  
RELEX 923  
COEST 507  
FIN 735

#### ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

---

Suġġett:           REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 765/2006 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Belarussja u l-involvement tal-Belarussja fl-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna

---

**REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2022/...**

ta' ...

**li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 765/2006 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Belarussja u l-involviment tal-Belarussja fl-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 765/2006 tat-18 ta' Mejju 2006 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Belarussja u l-involviment tal-Belarussja fl-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna<sup>1</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 8a(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

---

<sup>1</sup> ĠU L 134 20.5.2006, p. 1

Billi:

- (1) Fit-18 ta' Mejju 2006, il-Kunsill adotta r-Regolament (KE) Nru 765/2006.
- (2) Wara evalwazzjoni taċ-ċirkostanzi rilevanti, jenħtieġ li titħassar entrata waħda mil-lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi li tinsab fl-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 765/2006.
- (3) Għaldaqstant, jenħtieġ li r-Regolament (KE) Nru 765/2006 jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 765/2006 huwa emendat f'konformità mal-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fid-data wara dik tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi ...,

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

---

ANNEX

L-entrata li ġejja titħassar mil-lista li tinsab fit-Taqsima B ("Persuni ġuridiċi, entitajiet u korpi msemija fl-Artikolu 2(1)") tal-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 765/2006:

"23. Cham Wings Airlines".

---